**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **314/2022 (AD)**

**MARK CAMILLERI (KI 88088M)**

**VS**

**1. IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**
**2. AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbatax (14) ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar talba ta' Mark Camilleri magħmula b'rikors kostituzzjonali datat sittax (16) ta' Ġunju 2022, sabiex jiġi dikjarat illi huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea per kawża t'aġir tal-intimati fil-konfront tiegħu.

**Preliminari**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat sittax (16) ta' Ġunju 2022, ir-rikorrent **<u>Mark Camilleri</u>** ippremetta:

   a. *Illi l-esponenti huwa awtur u pubblikatur ai termini tal-artikolu 2 tal-Liġi Sussidjarja 605.12 u inoltre huwa wkoll l-eks-kap ("Chairman") tal-konvenuta, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, iżda li l-pożizzjoni tiegħu bħala tali ma ġġedditx mill-Ministru tal-Edukazzjoni, dan wara li l-esponenti beda jikkritika lill-Gvern u lill-Partit Laburista;*

   b. *Illi di piu, l-esponenti ppubblika ktieb bl-isem "A Rent Seeker's Paradise", li fih jiżvela korruzzjoni u governanza ħażina min-naħa tal-Gvern preżenti u tal-Partit Laburista. L-imsemmi ktieb beda jinbigħ lill-pubbliku nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) b'mod elettroniku, u nhar il-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fil-forma mitbugħa;*

   c. *Illi l-esponenti talab illi jagħmel użu, bi dritt, mis-servizz offrut mill-entita' konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, billi jsirlu reċensjoni tal-ktieb surreferit fir-reċensjoni settimanali mmexxija mill-konvenuta fil-gazzetta "Ilum", iżda din ġiet irrifjutata mill-imsemmija entita', minħabba raġunijiet politiċi qua l-kritika akuta tal-Gvern u tal-Partit Laburista li tinsab fl-imsemmi ktieb "A Rent Seeker's Paradise";*

   d. *Illi l-konvenuta, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li ġiet mwaqqfa permezz tal-Liġi Sussidjarja 605.12, hija waħda li għandha tkun awtonoma minn indħil estern u li hija stabbilita inter alia sabiex, ai termini tar-regolament 4(1) tal-imsemmija Liġi Sussidjarja tippromwovi l-kotba u li tirrappreżenta l-interessi ta' awturi u ta' pubblikaturi bl-istess mod. Illi allura tali ċaħda tmur eżattament kontra dak li l-konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb nħolqot għalih taħt l-istess liġi sussidjarja u*

*għalhekk qdiet l-interessi tal-Gvern u mhux tal-awturi u pubblikaturi li għaliha ġiet maħluqa;*

e. *Illi fost il-funzjonijiet tagħha elenkati fir-regolament 6(1) tal-imsemmija Liġi Sussidjarja, l-konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hija fid-dover illi ssostni lil u tassisti lill-awturi u l-pubblikaturi billi inter alia tipproteġi l-interessi tagħhom fuq livell ta' politika statali. Bl-azzjonijiet tagħha għamlet eżatt il-kontra ta' dan fil-konfront tal-esponenti;*

f. *Illi r-rifjut min-naħa tal-konvenuta, li tassisti lill-esponenti, u li minflok, tissalvagwardja l-interessi tal-amministrazzjoni Laburista u l-Gvern, jikkostitwixxi ksur tal-obbligi tagħha naxxenti mil-Liġi Sussidjarja 605.12 u kawża diretta ta' dan l-esponenti sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti;*

g. *Illi inoltre, l-istess konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed tittratta lill-esponenti b'mod differneti meta pparagunat ma' awturi u pubblikaturi oħra li huma msieħba magħha u liema trattament differenti huwa marbut u bbażat esklussivament fuq l-opinjoni politika tal-esponenti;*

h. *Illi l-imsemmi trattament differenti jikkwalifika bħala wieħed diskriminatorju u pproibit ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u b'hekk, lil 'hinn mill-ksur tal-jeddijiet tiegħu bħala awtur u pubblikatur, jikser ukoll id-drittijiet fundamentali tal-esponenti naxxenti mill-imsemmi Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali;*

i. *Illi l-aġir tal-konvenut huwa abbużiv u jikser id-drittijiet tal-esponenti bħala awtur, pubblikatur u bħala ċittadin tar-Repubblika ta' Malta, kif spjegat;*

j. *Illi dan l-aġir abbużiv tal-konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħoloq u qed ikompli joħloq preġudizzju serju lill-konvenut, li b'konsegwenza ta' dan qiegħed isofri danni kbar inkluż telf ta' qligħ attwali w prospettiv,*

*flimkien ma' danni morali; lkoll konsegwenza tal-atti diskriminatorji magħmula direttament mill-konvenuti a skapitu tal-esponenti;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

    i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ġew leżi meta sofra diskriminazzjoni minħabba opinjoni politika li kiteb l-esponenti u peress li l-konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma mxietx mad-dettami tal-Liġi Sussidjarja 605.12 kif su-spjegat. Tali diskriminazzjoni seħħet a bażi tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Protokoll Numru 12 Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

    ii. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ġew leżi meta sofra diskriminazzjoni minħabba opinjoni politika li kiteb l-esponenti meta tneħħa mill-kariga ta' Chairman tal-konvenuta Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Tali diskriminazzjoni seħħet a bażi tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Protokoll Numru 12 Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-bniedem;*

    iii. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-kumpens ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji a bażi ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;*

    iv. *Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

    v. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea bl-imgħax skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-protest ġudizzjarju intavolat qabel din il-kawża odjerna.*

4. B'digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ħamis, erbatax (14) ta' Lulju 2022;

5. Permezz ta' risposta datata ħamsa (5) ta' Lulju 2022, l-**Avukat tal-Istat** eċċepixxa:

   a. *Illi preliminarjament, stante li din il-kawża titratta allegat aġir diskriminatorju tal-Kunsill intimat, l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kuntradittur, u dan ai termini tal-Artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Semai, l-esponenti kellu biss jiġi notifikat bil-kawża u mhux jiġi inkluż bħala parti;*

   b. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, stante li r-rikorrenti ma eżwriex ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni tiegħu qabel ma fetaħ dawn il-proċeduri. Biżżejjed jingħad li, b'referenza partikolari għall-ewwel żewġ talbiet, ir-rikorrent kellu rimedju inter alia ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   c. *Illi, fil-mertu, l-esponenti ma jistax iwieġeb hu għal kwalunkwe għemil tal-Kunsill intimat, jew terzi li huwa ma jkunx midħla jew kompartecipi fihom;*

   d. *Illi l-esponenti jirrespinġi bħala infondat fil-fatt u fid-dritt li seħħet xi vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali kif allegat, u kif effettivament intalbet dikjarazzjoni f'dan is-sens minn dina l-Opnroabbli Qorti, u huwa ma għamel xejn biex iledi kwalunkwe dritt vantat mir-rikorrenti;*

e. *Illi f'kull każ, tajjeb li jingħad illi l-Protokoll Nru 12, Artikolu 1 ma ġiex traspost fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant ma hux enforzabbli hawn Malta;*

f. *Illi b'referenza għat-tielet, ir-raba', u l-ħames talbiet, jiġi eċċepit fl-ewwel lok illi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ma ġietx trasposta fil-Kap 319 u għaldaqstant, anke kif ribadit mill-ġurisprudenza nostrali, ma hiex applikabbli f'Malta u ma jista jingħata ebda kumpens abbażi ta' dan l-Artikolu;*

g. *Illi ma hemm ebda kumpens x'jingħata lir-rikorrenti mill-esponenti, la pekunjarju (li xorta r-rikorrenti huwa obbligat li jġib l-aħjar prova dwar id-danni allegati minnu), u kif ukoll non-pekunjarju;*

h. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

6. Finalment, b'risposta datata tlettax (13) ta' Lulju 2022, il-**Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb** eċċepixxa:

a. *Illi, preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni tentata mill-attur stante li huwa naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji lilu faċilment disponibbli qabel ma rrikorra għal dawn il-proċeduri ta' natura straordinarja.*

b. *Illi, preliminarjament, l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 12 kif ukoll l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ma ġewx trasposti ġewwa l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant kwalsiasi pretensjoni vantata mill-attur abbażi tal-preċitati dispożizzjonijiet għandha tiġi sommarjament miċħuda.*

c. *Illi fil-mertu l-eċċipjent qiegħed jiċħad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attur bħala rażenti l-qofol ta' dak kollu li huwa fieragħ, vessatorju u temerarju, b'dan li l-preżenti eċċipjent*

*ma wettaq ebda diskriminazzjoni jew att preġudizzjali ieħor fil-konfront tal-attur u wisq anqas ma kkawżalu xi ħsara jew danni.*

d. *Illi l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kif ukol l-uffiċjali u l-funzjonarji tiegħu, ilkoll dejjem aġixxew skond ir-regolamenti, il-liġijiet u l-aħjar prassi amministrattiva applikabbli, tant li konsegwentement ma jista' jiġi addebitat ebda nuqqas fil-konfront tagħhom u kwalsiasi allegazzjoni kuntrarja hija irriżorja u assurda.*

e. *Illi f' kull każ l-attur għandu jressaq l-aħjar prova skond il-liġi ta' dak kollu minnu pretiż a tenur tal-Artikoli 558, 559 u 562 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fin-nuqqas ta' dik il-prova, it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni u b' riżerva ampja għal kwalsiasi azzjoni spettanti lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Mark Camilleri datat sittax (16) ta' Ġunju 2022;

8. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata ħamsa (5) ta' Lulju 2022;

9. Reġgħet rat ir-risposta tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb datata tlettax (13) ta' Lulju 2022;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Mark Camilleri**, ic-Chairman preżenti fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022[1];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Albert Gauci Cunningham**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2022[2];

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Mark Vella**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2022[3], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok MV1** (a fol 72-73 tal-proċess) u **Dok MV2** (a fol 74 tal-proċess);

13. Rat l-affidavit tar-rikorrent, immarkat **Dok MC1** a fol 79-80 tal-proċess;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Mark Camilleri** prodott mill-intimati in kontro-eżami waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Marzu 2023[4];

15. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tar-rikorrent **Mark Camilleri** prodott mill-intimati in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2023[5];

16. Rat l-affidavit ta' **Mark Camilleri**, Chairman preżenti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, immarkat bħala **Dok 230523A** a fol 163 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Albert Gauci Cunningham,** prodott mill-intimati in kontro-eżami waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Lulju 2023[6];

18. **Rat illi, waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2023, il-partijiet qablu u ddikjaraw illi huma għandhom fiduċja fl-Imħallef sedenti sabiex tkompli tisma' l-kawża wara illi r-rikorrent Mark**

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 22 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 54 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 58 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 82 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 111 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 210 *et seq* tal-proċess

**Camilleri kiteb żewġ artikoli illi fihom għamel referenza b'isimha għall-Imħallef sedenti;**

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Matthew Borg**, prodott mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2023[7];

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Andrew Ricca**, prodott mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Jannar 2024[8];

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Michael Mercieca**, prodott mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Jannar 2024[9];

22. Rat id-dokumenti esebiti mill-Avukat tal-Istat permezz ta' nota datata disgħa u għoxrin (29) ta' Frar 2024, a fol 261 *et seq* tal-proċess;

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Matthew Borg**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlieta (3) t'Ottubru 2024[10];

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, datata ħmistax (15) ta' Novembru 2024 (a fol 293 *et seq* tal-proċess);

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat, datata sitta (6) ta' Diċembru 2024 (a fol 318 *et seq* tal-proċess);

26. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb datata tletin (30) ta' Diċembru 2024 (a fol 332 *et seq* tal-proċess);

27. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

28. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 220 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 241 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 253 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 280 *et seq* tal-proċess

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

## A. Fatti tal-Każ

29. Għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi jiġu esposti, in suċċint, il-fatti saljenti tal-każ odjern;

30. Ir-rikorrent inħatar bħala Chairperson tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fis-sena 2013, u żamm din il-kariga sal-2021, meta ġie fi tmiemu l-kuntratt tiegħu u ma ġiex imġedded għal perjodu ieħor. Minfloku nħatar Chairperson bl-istess isem, cioe Mark Camilleri, illi għadu f'din il-kariga sal-lum;

31. Ftit wara illi ma baqax f'din il-kariga, u cioe f'Settembru 2021, ir-rikorrent ippubblika ktieb bl-isem *Rent-Seeker's Paradise,* illi fih, *inter alia*, ikkritika lil numru ta' persuni politiċi, fosthom l-eks-Prim Ministru Dr Joseph Muscat u l-Membru Parlamentari l-Onor. Rosianne Cutajar. Huwa għamel kuntatt ma' Mark Vella, membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sabiex jagħmel reċensjoni ta' dan il-ktieb fis-sezzjoni sponsorjata mill-istess Kunsill fil-ġurnal *Illum*, u dan peress illi r-rikorrent kien għaddej bil-kampanja ta' *marketing* tal-ktieb. Madanakollu, s-Sur Vella informa lir-rikorrent illi filwaqt illi dan kien possibbli, huwa ma setax jiggarantixxi *feature* immedjat li kien jikkoinċidi mal-kampanja pubbliċitarja tar-rikorrent, u għalhekk stieden lir-rikorrent jiddiskuti din il-materja mal-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill, s-suċċessur tar-rikorrent fil-kariga. F'telefonata bejn il-Kap Eżekuttiv u Mark Vella, il-Kap Eżekuttiv esprima l-opinjoni illi r-reċensjoni ma kellhiex issir, stante illi l-ktieb seta' fih kontenut possibilment u potenzjalment libelluż, u ħass illi kien fl-interess tiegħu illi jħares l-interessi tal-Kunsill. Ciononostante, huwa ħalla d-deċiżjoni finali f'idejn Mark Vella, ili effettivament baqa' ma kitibx l-istess reċensjoni;

32. Ir-rikorrent qiegħed isostni illi kemm il-fatt illi l-kuntratt tiegħu mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma ġiex imġedded għal terminu ieħor, u kif ukoll il-fatt

illi l-ktieb illi huwa kiteb ma ġiex reċensjonat, kienu deċiżjonijiet motivati politikament, stante illi huwa kien (u għadu) voċiferu fil-kritika tiegħu tal-Partit Laburista fil-Gvern. Infatti, huwa qed jippremetti fil-kawża odjerna illi huwa ġie fiż-żewġ każi diskriminat a bażi tal-opinjoni politika tiegħu, u qed jitlob lil Qorti tagħti dikjarazzjoni f'dan is-sens, kif ukoll takkordalu kumpens pekunjarju u non-pekunjarju għad-danni minnu sofferti per konsegwenza tal-istess diskriminazzjoni.

## B. <u>Leġittimu Kontradittur</u>

33. Fl-ewwel eċċezzjoni minnu sollevata, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-każ odjern, u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *[...]*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*
>
> *[...]*

34. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Abela vs L-Onor Prim Ministru et***[11]:

[11] Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Diċembru 1990 (Vol LXXIV.i.261)

> *[F]’kawżi ta’ natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta’ dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta’ xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi; Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta’ l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta’ dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala’ fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja;*

35. Din il-Qorti rat illi, bil-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jattakka l-mod kif intemmet il-kariga tiegħu bħala Chairperson fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u l-fatt illi ktieb tiegħu ma ġiex reċensjonat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Mhux qed tiġi allegata l-anti-kostituzzjonalita’ ta’ xi liġi partikolari, iżda qed jittressqu biss ilmenti minn azzjonijiet meħuda fil-konfront tar-rikorrent;

36. M’hemm l-ebda dubbju illi m’hemmx lok illi l-Avukat tal-Istat jinżamm direttament jew indirettament responsabbli għall-fatt illi ma ġiex reċensjonat ktieb tar-rikorrenti, bħalma lanqas għalhekk għandu jkun hu illi jagħti rimedju fil-każ illi tinstab leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti f’dan ir-rigward;

37. Inoltre, imbagħad, f’dik illi hija l-kariga ta’ Chairperson, l-Artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 605.12 jagħmilha ċara illi l-Membri tal-Bord tal-Kunsill jiġu nominati mill-Ministru għall-Edukazzjoni u appuntati mill-Prim Ministru, b’dana għalhekk illi huma dawn iż-żewġ persuni illi huma inkarigati mill-materja illi minnha qed jilmenta r-rikorrent. Minn dan isegwi illi, se mai, l-ilmenti tar-rikorrent kellhom jiġu diretti kontra l-Prim Ministru

jew il-Ministru għall-Edukazzjoni, u mhux lejn l-Avukat tal-Istat, gialadarba dan kien possibbli;

38. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat għandha **tintlaqa'**, u sejra għalhekk tgħaddi sabiex **tillibera lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju**.

## C. Rimedji Ordinarji

39. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, stante li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni tiegħu qabel ma fetaħ il-proċeduri odjerni, b'mod partikolari r-rimedju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta, proċeduri quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u/jew proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. L-istess jeċċepixxi wkoll il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-ewwel paragrafu tar-risposta tiegħu;

40. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi*

*xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Mill-banda l-oħra, Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

41. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita' tad-Djar et***[12], fejn intqal:

*31. Illi huwa risaput li bil-provisos għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha biex, min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew taħt il-Kap 319 inutilment, iżda min-naħa l-oħra jiġi assigurat li f'każijiet li jimmeritaw li jiġu eżaminati sew taħt il-lenti*

[12] Rik Nru 59/2010, Qorti Kostituzzjonali, 13 t'April 2018

*Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Indubitament, il-provisos marbutin maż-żewġ Artikoli appena msemmija ma humiex intiżi biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilita' li tieħu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, iżda mill-perspettiva l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha kostituzzjonali għandha l-fakolta' tidderiġi ruħha lejn ir-rifjut tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-Artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat, iżda dejjem meħud kont tal-gravita' tal-leżjoni lamentata, il-konsegwenzi għall-applikant tal-istess leżjoni u l-interess aktar ġenerali tal-pubbliku filli tiġi kjarifikata l-pożizzjoni kostituzzjonali.*

42. Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel imbagħad f'din is-sentenza referenza għall-insenjament tagħha f'sentenza oħra mogħtija minnha stess fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[13], fejn kienet elaborat kif isegwi:

*Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti prima facie. Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li*

[13] Appell Nru 22/2005, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006

*jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;*

*[...]*

*Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħa tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha* [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Zahra v. Awtorita' tal-Ippjanar* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179)]. *F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqgħalha s-setgħa li tiddeċiedi li ma eċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

*Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd*

*fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta* [Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet *John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*];

*Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat* [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. *M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi* [PA Kost **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet *Clitfon Borg vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)];

43. Finalment, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel referenza għal numru ta' prinċipji, bħal speċi *check-list* jew linjigwida, illi għandhom iwasslu lil Qorti sabiex tqis jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent* [PA (Kost) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet *Victor Bonavia vs. L-Awtorita' tal-Ippjanar et*]; *(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* [Ara Kost **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Bannister et* (Kollez Vol LXXVIII.I.48) u Kost **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Visual & Sound*

*Communications Ltd vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*]; *u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* [PA Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet *Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)]*;*

44. Il-punto di partenza huwa, bla dubju, dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent fil-kawża odjerna, u cioe dikjarazzjoni illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, u mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Hija l-Qorti b'kompetenza Kostituzzjonali l-aktar forum idoneu sabiex tagħmel indaġini ta' din ix-xorta, partikolarment meta r-rimedju illi qiegħed ifittex ir-rikorrent skont it-talbiet tiegħu fir-rikors promotur huwa kumpens pekunjarju u non-pekunjarju għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, u mhux it-tiġdid tal-kuntratt tiegħu fil-kariga tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u/jew ir-reċensjoni tal-ktieb tiegħu u/jew danni ċivili. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rimedji ordinarji msemmija mill-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[14] ma kinux mezzi adegwati sabiex jagħtu lir-rikorrent ir-rimedju sħiħ u effettiv illi huwa qiegħed ifittex fit-termini tal-ġurisprudenza suċitata;

45. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat u l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

[14] Para 17-18 a fol 320 tal-proċess

## D. Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea

46. L-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:

> *1. The enjoyment of any right set forth by law shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, properrty, birth or other status.*
>
> *2. No one shall be discriminated against by any public authority on any ground such as those mentioned in paragraph 1.*

47. Dwar il-Protokoll 12 formanti parti mill-Konvenzjoni Ewropea, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali***[15]:

> *31. [...] Għalkemm huwa minnu li l-Istat Malti rratifika t-Tnax-il Protokoll, xorta waħda dan l-Protokoll ma jistax jingħata effett minn din il-Qorti ladarba ma jifformax parti mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-Protokoll fid-definizzjonijiet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" u "Konvenzjoni":*
>
> *"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa*

[15] Rik Kostit Nr 47/2019/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023

*5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda;*

*"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament;"*

*32. Għalhekk huwa ċar li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw ilmenti bbażati fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea [...].*

48. Din il-Qorti taqbel mal-insenjament mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali u sejra tadottah *in toto* u tagħmlu tagħha;

49. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent in kwantu jilmenta minn leżjoni tad-drittijet fondamentali tiegħu sanċiti bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

## E. L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

50. Hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rikorrent qiegħed isostni illi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew vjolati b'żewġ modi:

- Meta kien hemm differenza fit-trattament bejnu u membri oħrajn tal-Bord li l-pożizzjoni tagħhom ġiet imġedda mill-Ministeru għall-Edukazzjoni filwaqt li tiegħu ma ġietx imġedda; u

- Meta l-kitieb tiegħu bl-isem *A Rent Seeker's Paradise* ma ġiex reċensjonat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fil-gazzetta *Illum*;

Ir-rikorrent qed jallega illi, fiż-żewġ każijiet, kien hemm motivi politiċi u partiġġjani da parti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb illi wasslu sabiex huwa jiġi trattat b'mod differenti minn awturi u pubblikaturi oħrajn;

51. Ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq l-Artikolu 45(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, illi jistabbilixxu illi:

> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.*
>
> *(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn.*

52. Ingħad b'mod ġenerali dwar din id-disposizzjoni, *inter alia*, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Christopher Bartolo vs L-Avukat tal-Istat***[16]:

> *22. Illum il-ġurnata huwa stabbilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha, (ċ) u dan it-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat. Iżda hekk kif il-parti mġarrba turi li ngħatat trattament differenti, jaqa' d-dmir fuq l-Istat li juri li tali trattament kien mistħoqq. F'dan ir-rigward jingħad li "There is a shifting burden of proof in the area of discrimination. The general principle affirmanti incumbit probatio (he or she who alleges something must prove that allegation) is therefore not applied in a rigorous manner. The initial burden, of course, falls upon the applicant to establish that there is a difference in treatment. Once this has been done, the burden moves to the government, where the responsibility is to demonstrate that the measure in question was justified";*

53. Hekk ukoll ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Albert Pace Cole vs Ic-Chairman tal-Maltacom plc noe***[17]:

> *Issa, biex ikun hemm diskriminazzjoni, skond l-awturi van Dijk and van Hoof, kwotati mill-Onorabbli Qorti*

[16] Rik Nru 255/20/3, Qorti Kostituzzjonali, 26 t'April 2022
[17] Rik Nru 722/1999/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, 26 ta' Frar 2004

*Kostituzzjonali fil-kawza "Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-17 ta' Frar, 1999, irid ikun hemm "(a) differential treatment of (b) equal cases without there being (c) an objective and reasonable justification, or if (d) proportionality between the aim sought and the means employed was lacking". Kwindi, biex ikun hemm diskriminazzjoni, mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew li gie trattat bi pregudizzju jew bi hsara ghad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti, u bid-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief l-opinjoni politika differenti taz-zewg persuni (ara wkoll "Cacopardo vs Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, u "Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1999).*

Din is-sentenza ġiet konfermata wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali[18], illi żiedet:

*biex ikun hemm id-diskriminazzjoni fis-sens ta' l-imsemmi subartikolu irid jirrizulta wkoll li persuni "ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn" (f'dan il-kaz persuni ta' fehemiet politici differenti minn dawk ta' l-appellant) ma kienux suggetti ghal tali "inkapacitajiet" jew "restrizzjonijiet" jew, alternattivament, li nghataw "privileggi jew vantaggi" li ma nghatawx lill-appellant.*

54. Finalment, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Onor Adrian Delia noe vs L-Avukat Ġenerali***[19]:

[18] Nhar il-25 t'April 2005

[19] Rik Nru 81/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ R G Mangion, 14 ta' Mejju 2019. Għalkemm din is-sentenza ġiet *in parte* riformata mill-Qorti Kostituzzjonali (16 ta' Diċembru

*Il-Qorti tibda billi tagħmel l-osservazzjoni illi sabiex jinstab ksur tad-dritt fondamentali għal non diskriminazzjoni protett bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m'huwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li d-diskriminazzjoni kienet intenzjonata. Huwa biżżejjed li min qed jallega diskriminazzjoni juri fil-livell mistħoqq fil-liġi li ġie trattat b'mod diskriminatorju. Il-Qorti għandha tiprexxindi mill-intenzjonijiet ta' min ikun qed jiġi allegat li aġixxa bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tikkonsidra b'mod oġġettiv jekk il-fatti, wara li jkunu sodisfaċentement ippruvati, jikkostitwixxux aġir diskriminatorju fit-termini tal-Kostituzzjoni.*

*Fir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża <u>Joseph Bellizi et vs. Awtorita Marittima ta' Malta et</u> (Rik Nru 31/2002) deċiża fis-6 ta' Mejju 2008:-*

*"...mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni". Fi kliem ieħor, l-applikant m'għandux għalfejn iġib prova li l-konvenut aġġixxa b'motiviazzjoni li ried jaġixxi b'mod diskriminatorju kontra r-rikorrent. Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni projbita mill-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dak li jrid fl-ewwel lok jiġi ppruvat huwa li l-*

2019), dan ma kienx fuq punti ta' dritt, iżda fuq apprezzament ta' fatti, b'dana illi l-prinċipji ta' dritt esposti mill-Qorti tal-Ewwel Istanza ma ġewx kritikati jew imxejna.

> *allegat trattament kien differenti minn dak li ngħata lil persuni oħra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni tagħhom.*

55. Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

***(i) <u>Fir-Rigward tal-Kuntratt t'Impjieg</u>***

56. L-Artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 605.12 jistabbilixxi l-Bord illi minnha jitmexxa l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kif isegwi:

> *7.(1) Il-Kunsill għandu jitmexxa minn Bord compost minn disa' membri li jkunu nominati mill-Ministru u maħtura mill-Prim Ministru għal perjodu ta' tliet snin u l-membri jkunu eliġibbli biex jerġgħu jinħatru wara li jiskadi ż-żmien tal-kariga tagħhom.*
>
> *(2) Il-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru, għandu jaħtar President Eżekuttiv u Viċi President minn fost il-membri tal-Bord.*
>
> *(3) Awturi, pubblikaturi, akkademiċi u akkademiċi rtirati biss jistgħu jkunu membri tal-Kunsill.*

57. L-Artikolu 8 mbagħad jitkellem dwar tneħħija jew riżenja tal-membri tal-Bord, u jgħid *inter alia* illi:

> *8.(1) Membru tal-Bord jista' f'kull żmien jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Prim Ministru minħabba f'nuqqas fil-ħila tiegħu li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu kif ikun mistenni, jew minħabba f'mard mentali jew fiżiku, jew għal kull raġuni oħra li minħabba fiha l-membru ma jkunx*

*jista' aktar jokkupa dik il-kariga jew minħabba f'raġunijiet ta' imġiba ħażina.*

58. Fil-każ in diżamina, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed isostni illi l-impjieg tar-rikorrent ma ġiex terminat, iżda kien il-kuntratt tiegħu illi ġie fit-tmiem naturali tiegħu u ma ġiex imġedded, u dan għal raġunijiet oġġettivi, ġustifikabbli u raġjonevoli, u minħabba nuqqasijiet lampanti tar-rikorrent waqt li kien fil-kariga. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrent qed jippremetti illi huwa tneħħa mill-kariga, mingħajr ma ntlaħqu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8 suċitat, b'dana illi it-tneħħija tiegħu għandha titqies bħala waħda motivata politikament għaliex huwa kien beda jikkritika pubblikament lill-Gvern u lill-Partit Laburista (cioe l-istess Gvern illi kellu jġeddidlu l-kuntratt) fiż-żmien meta kien wasal sabiex jerġa' jiġġedded il-kuntratt t'impjieg tiegħu;

59. Fl-ewwel lok, huwa r-rikorrent stess illi jikkonferma illi, tul il-kariga tiegħu bħala Chairperson, kien hemm żewġ istanzi fejn "tkeċċa" mill-kariga[20], iżda peress illi kellu l-appoġġ tal-i*stakeholders*, baqa' fl-istess kariga. Huwa jispjega illi fi żmien l-Onor Dr Owen Bonnici, ir-rikorrent kien irċieva bil-miktub illi kien qed jiġi mkeċċi, u jallega illi dan kien *"minħabba raġunijiet politiċi"* stante illi kien fiż-żmien meta r-rikorrent, bħala Chairperson tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kien qed jitkellem favur il-ġurnalisti fiż-żmien meta ġiet nieqsa Daphne Caruana Galizia[21]. Eventwalment, imbagħad, fi żmien l-Onor Dr Justyne Caruana, kien tkeċċa taħt dik illi r-rikorrent isejjaħ "skuża" illi rrisponda b'mod pubbliku għal soliċitazzjoni mingħand l-Avukat ta' Yorgen Fenech biex jieħu n-naħa ta' Fenech[22]. Fiż-żewġ każijiet, iżda, minkejja illi ġie mkeċċi, huwa rritjena l-pożizzjoni tiegħu bħala Chairman tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb;

60. Din il-Qorti, wara li rat l-assjem tal-provi, ma ssibhiex diffiċli illi temmen illi r-rikorrent għamel ħafna ġid fit-terminu tiegħu tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u ġenwinament ried illi l-awturi u pubblikaturi f'Malta jkollhom mhux

[20] A fol 84 tal-proċess
[21] A fol 87 tal-proċess
[22] A fol 88 tal-proċess

biss suċċess u opportunitajiet fil-gżejjer Maltin, iżda saħansitra anke barra minn xtutna. Infatti, dan jirriżulta saħansitra anke minn xhieda ta' ex-kollegi tiegħu illi żammew posthom fil-Kunsill. **Michael Mercieca** jsemmi istanza fejn ir-rikorrent allegatament bagħtu fil-ħwienet u r-ristoranti sabiex iħeġġeġ lin-nies tattendi il-Festival tal-Ktieb[23], filwaqt illi **Andrew Ricca** jallega illi r-rikorrent kien jagħmel pressjoni fuqu sabiex kuntratturi mqabbda sabiex jagħmlu xogħol fil-bini illi qed jiġi restawrat fil-Belt mill-Kunsill, jiddikjaraw illi huma dovuti ammont inqas minn dak illi realment ikunu dovuti, sabiex il-Kunsill jiffranka parti mill-miżata illi kienu jitħallsu l-Periti[24]. **Ricca** jsemmi wkoll istanza fejn inqala' argument għaliex ir-rikorrent allegatament ried jimpjega persuna illi ma kinitx ġiet fl-ewwel post f'intervista skont il-kriterji għall-kariga, iżda kellha esperjenza aktar vasta minn dik illi effettivament ġiet fl-ewwel post[25]. Huwa evidenti illi dawn kienu deċiżjonijiet illi warajhom l-intenzjoni kienet waħda tajba u fl-interess tal-Kunsill; madanakollu, din il-Qorti temmen illi l-fatt illi l-intenzjoni tkun waħda tajba, ma jħassarx il-fatt illi l-metodu operat sabiex wieħed jasal għaliha jkun metodu illi jmur direttament kontra r-regoli, proċeduri u saħansitra anke liġijiet imposti preċiżament sabiex jassiguraw trasparenza u ġustizzja fil-qasam pubbliku;

61. Inoltre, din il-Qorti lanqas issibha diffiċli illi r-rikorrent ma kienx jieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi, bħala Chairman tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u cioe bħala uffiċjal pubbliku, ma kienx qiegħed jaġixxi bħala Mark Camilleri proprio, u cioe l-awtur u pubblikatur. Infatti, din il-Qorti tasal temmen illi l-*approach* tar-rikorrent mal-impjegati tiegħu u mal-kritiċi tiegħu ma kienx wieħed illi tixraq lil persuna f'din il-kariga. Ir-rikorrent stess jikkonferma illi wara illi ġie mkeċċi mill-Onor Dr Justyne Caruana, huwa kien ippubblika Tweet illi fiha qal, *"Greatly humbled and honoured by your overwhelming support, I was in touch with the Minister Justyne Caruana this morning and I apologise for embarrasing her with my foul language, and she withdrew*

[23] A fol 257 tal-proċess
[24] A fol 245 tal-proċess
[25] A fol 250 tal-proċess

*the call for my resignation."*[26], u saħansitra jgħid, fir-rigward tal-*"foul language"* imsemmi illi *"ngħid li ma jiddispjaċinix lanqas kif irrispondejt"*[27]. Hekk ukoll, l-ex-kollegi tiegħu jgħidu illi kien jgħolli leħnu magħhom b'nuqqas ta' professjonalita'[28], kellu tmexxija dittatorjali[29], u li kienu jibżgħu minnu għaliex kien juża lingwaġġ aggressiv u vili fil-konfront tagħhom[30]. Huwa minnu illi, bħal kull ċittadin ieħor, ir-rikorrent igawdi l-liberta' tal-espressjoni; iżda dan la għandu jsir a skapitu tar-rispett bażiku bejn bniedem u ieħor, u aktar u aktar m'għandux isir a skapitu tad-*decorum* illi ġġib magħha kariga f'uffiċċju pubbliku. Biss biss, din il-Qorti rat l-*e-mails*[31] mibgħuta hekk kif ivvaka l-kariga tiegħu r-rikorrent, illi, għalkemm intbagħtu wara li ma baqax Chairman, juru stampa ċara tal-komportament tar-rikorrent ma' min ma jaqbilx miegħu, komportament illi din il-Qorti temmen illi ma bediex biss wara li telaq mill-kariga kkunsidrati l-provi kollha miġjuba. Filwaqt illi din il-Qorti tagħmilha ċara illi m'hemm xejn ħażin f'illi wieħed ma jaqbilx m'opinjoni ta' persuni oħra, dan ma jfissirx illi l-espressjoni t'opinjoni kuntrarja għandha ssir b'diskors vulgari, insolenti u aggressiv, aktar u aktar meta wieħed ikun jokkupa kariga għolja fis-settur pubbliku. Il-Qorti hija konvinta illi dan jafu saħansitra anke r-rikorrent stess, stante illi, b'kuntrast mal-istil ta' kitba tiegħu fl-*e-mails* suriferiti, jirreferi għall-punt fejn ic-Chairman preżenti kien irrefera għalih fuq Facebook bħala *"l-eżiljat"* billi jgħid illi dan kien *"kumment aħdar"*[32];

62. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-fatt illi ma ġiex estiż għal terminu ieħor il-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent ma kienx per kawża ta' xi azzjoni diskriminatorja fil-konfront tiegħu motivata minn opinjoni politika. L-ewwelnett, il-membri l-oħra tal-Bord illi t-terminu tagħhom ġie estiż ma kinux iġorru l-kariga ta' Chairman, liema kariga hija naturalment kemmxejn aktar prestiġjuża u tirrikjedi ħafna aktar responsabbilita' minn dik ta'

[26] A fol 128 tal-proċess
[27] A fol 127 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Matthew Borg a fol 234 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Michael Mercieca a fol 253 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Michael Mercieca a fol 257 tal-proċess
[31] A fol 167 *et seq* tal-proċess
[32] A fol 150 tal-proċess

membri oħra, b'dana għalhekk illi ma jistax jingħad illi l-membri l-oħra kienu fl-istess qagħda tar-rikorrent jew f'qagħda illi tixxiebah lil dik illi kien fiha r-rikorrent. It-tieni nett, din il-Qorti mhix tal-fehma illi r-rikorrent irċieva trattament illi ma kienx raġonveolment mistħoqq, u dan stante illi (a) il-kuntratt tiegħu kien wasal fi tmiemu, b'dana għalhekk illi ma kellu l-ebda garanzija illi kien ser jiġi imġedded; u (b) l-atteġġjament u l-komportament tar-rikorrent fil-kariga jidher illi ma għenx sabiex jerġa' jiġi kkunsidrat għal terminu ieħor fil-kariga;

63. Għaldaqstant, **din il-Qorti ma ssibx illi f'din il-materja kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sanċit mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

64. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, kellha ssib leżjoni f'dan ir-rigward, xorta waħda m'hawnx parti f'din il-kawża illi tista' tirrispondi għal tali leżjoni, u dan stante illi huwa evidenti mill-provvedimenti tal-liġi hawn fuq riprodotti illi l-ħatra fil-kariga ma ssirx mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, iżda mill-Prim Ministru u l-Ministru għall-Edukazzjoni. Infatti huwa r-rikorrent stess illi jgħid illi *"il-kariga tiegħi jiddeċiedi legalment il-Ministru imma"*[33]. Fl-assenza tal-Prim Ministru u l-Ministru għall-Edukazzjoni fil-kawża odjerna, din il-Qorti tqis illi, fi kwalunkwe każ, l-ilment tar-rikorrent xorta ma setax jitqies bħala wieħed leġittimu f'dan ir-rigward.

### *(ii)* *__Fir-Rigward tar-Reċensjoni__*

65. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda n-nuqqas tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sabiex jippubblika reċensjoni dwar il-ktieb tar-rikorrent, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrent għandu raġun;

[33] A fol 88 tal-proċess

66. Iċ-Chairman preżenti tal-Kunsill Nazzjonali jgħid illi, *"Jien esprimejt riservi verbalment fuq it-telefown ma' Mark Vella għall-pubblikazzjoni tar-riċensjoni minħabba l-kontenut possbilment u potenzjalment libelluż li kien fih"*, u jsostni illi din l-esitazzjoni kienet xprunata mil-libell illi fetħet l-Onor Rosianne Cutajar kontra r-rikorrent dwar il-ktieb, u l-fatt illi kien ilu biss xahar fil-kariga u ma riedx ipoġġi lill-Kunsill Nazzjonali taħt dell ikrah[34]. Madanakollu, din il-Qorti rat illi:

a. Iċ-Chairman preżenti kien ħa deċiżjoni illi r-reċensjoni ma ssirx a bażi ta' dak illi kien sema' fil-midja u li kien ippubblika fuq mezzi soċjali bħala parti mill-*marketing campaign* tiegħu r-rikorrent[35], u cioe qabel effettivament qara l-ktieb[36], b'dana għalhekk illi ma jistax jitqies illi d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda pienament informata;

b. Mark Vella, il-persuna illi kienet ser tikteb ir-reċensjoni, jispjega illi meta jikteb reċensjoni, *"Ikun hemm kritiku letterarju bħal ma jien suppost jien minħabba l-isfond li għandi. Kritiku jaħdem skont kriterju jiġifieri skont kriterju tal-gost, skont l-għarfien tiegħu tal-letteratura u jagħti opinjoni raġunata nisperaw dwar ktieb. Mhux bilfors tagħti spunt nipprova ma nagħtihx ovvjament biex l-esperjenza tal-qarrej tkun konservata pero nagħti l-opinjoni tiegħi dwaru."*[37] Mistoqsi jekk jirrepetix x'ikun hemm fil-ktieb, Vella jwieġeb, *"Le le jew ħa nagħti linji ġenerali dwar x'inhu l-ktieb, pero mbagħad ser nagħti l-impressjonijiet tiegħi jekk il-ktieb hux miktub tajjeb jekk hux interessanti jew hux xi ħaġa speċjali etc etc."*[38] Huwa evidenti għalhekk illi dak illi kien ser jiġi pubblikat ma kienx ser ikun assunzjoni tal-kitba u l-opinjonijiet ta' Mark Camilleri bħala l-opinjoni tal-Kunsill Nazzjonali, iżda sempliċiment *summary* dwar il-ktieb. Din il-Qorti ma tarax għalhekk illi l-esitazzjoni tal-Kunsill sabiex jippubblika r-reċensjoni kienet waħda ġustifikata. Dan aktar u aktar meta, mistoqsi dwar x'wassal għad-deċiżjoni illi l-ktieb kien potenzjalment libelluż, iċ-

---

[34] A fol 164 tal-proċess
[35] A fol 47 tal-proċess
[36] A fol 35 tal-proċess
[37] A fol 70 tal-proċess
[38] A fol 71 tal-proċess

Chairman preżenti jgħid illi kien ktieb illi huwa ħass li ma kienx hemm il-fatti konfortati bi provi. Huwa evidenti mix-xhieda ta' Vella illi r-reċensjoni ma kinitx ser tidħol fil-mertu tal-fatti, u lanqas kienet ser tirrendi il-kontenut tal-ktieb l-opinjoni tal-Kunsill; iżda kienet ser tkun biss kritika tal-mod letterarju kif ġie miktub l-istess ktieb;

c. Fi kwalunkwe każ, il-midja – inkluż il-ġurnal illi fih kellha tiġi pubblikata r-reċensjoni[39] – kienet diġa' miżgħuda b'estratti minn dan il-ktieb u l-kotenut tiegħu, b'dana illi r-reċensjoni kienet ser tkun sempliċiment mod ieħor kif tiġi trasmessa informazzjoni dwar il-ktieb lil udjenza Maltija. Se mai, kwalsiasi ilment dwar il-kontenut tal-ktieb kienet tiġi indirizzata lir-rikorrent, bħala l-awtur tiegħu, u mhux lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb;

d. Ic-Chairman preżenti jgħid illi effettivament, sa fejn jaf hu, ir-reċensjoni qatt ma nkitbet. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, se mai, kwalsiasi deċiżjoni kellha tittieħed wara illi tinkiteb ir-reċensjoni a bażi ta' dak illi kien ser jiġi potenzjalment ippubblikat, stante illi fl-aħħar mill-aħħar hija r-reċensjoni illi kienet ser tiġi pubblikata. Id-deċiżjoni illi ma ssirx ir-reċensjoni qabel anqas biss kienet saret aktar u aktar twassal lil din il-Qorti sabiex temmen illi ma kienx hemm proporzjonalita' bejn it-trattament illi ngħata r-rikorrent in kwantu l-ktieb tiegħu ma ġiex reċensjonat, u l-motivazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għar-rifjut tal-istess;

67. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tasal tikkonkludi illi, anke jekk forsi mhux neċessarjament kienet l-intenzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb illi jiddiskrimina kontra r-rikorrent, effettivament in-nuqqas tal-Kunsill jikkostitwixxi trattament differenti tar-rikorrent minn dak mogħti lil awturi oħra. Huwa evidenti illi, minkejja illi ċ-Chairman preżenti jgħid illi huwa ma ngħata l-ebda ordni mingħand is-superjuri tiegħu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex ma tiġix pubblikata r-reċensjoni, ir-raġuni għal dan it-trattament differenti kien il-fatt illi l-ktieb kien kritika ta' Membri Parlamentari fil-Gvern u membri tal-Partit Laburista illi kien fil-Gvern, u *"ħassejna illi*

[39] Vide xhieda ta' Albert Gauci Cunningham a fol 217 tal-proċess

*minħabba n-natura tal-ktieb kif kien, illi minħabba ovvjament aħna entita' pubblika, iddeċidejna illi għal issa f'dak il-mument ma kienx għaqli li joħroġ dak ir-reċensjoni ta' dak il-ktieb minħabba ovvjament is-sensittivita' tal-każijiet li kien hemm."*[40] Meqjusa għalhekk l-osservazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward aktar 'il fuq, flimkien ma' dan il-fatt, din il-Qorti għalhekk tasal tikkonkludi illi t-trattament differenzjali kien preċiżament minħabba l-opinjoni politika espressa mir-rikorrent fil-ktieb tiegħu, liema opinjoni politika l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mhux neċessarjament kien iħaddan, iżda żgur illi ma riedx illi jagħti l-impressjoni illi jħaddan;

68. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, **din il-Qorti hija tal-fehma illi, fir-rigward tan-nuqqas tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb illi jirreċensjona l-ktieb tal-konvenut bl-isem *A Rent-Seeker's Paradise*, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

## F. Rimedju għal-Leżjoni tad-Drittijiet Fundamentali tar-Rikorrent

69. Ir-rikorrent qed jitlob rimedju ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Robert Galea vs Avukat Ġenerali et***[41], fejn, fir-rigward ta' talbiet rikorrenti illi saru fit-termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, ġie ritenut:

> *Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni mġarrba. Minbarra dan, ir-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq l-*

---

[40] A fol 34 tal-proċess

[41] Rik Nru 50/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, 7 ta' Frar 2017, Onor Imħ Joseph R Micallef (in ġudikat). Ara wkoll Rik Nru 74/2018, ***Joseph Laspina et vs L-Avukat Ġenerali***, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, 16 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Toni Abela (in ġudikat), u ***Dorotea sive Dorothy Darmanin et vs Avukat tal-Istat et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, 21 ta' Ġunju 2022, Onor Imħ Grazio Mercieca (in ġudikat)

*għoti ta' kumpens taħt l-artikolu minnu msemmi tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel lok, il-Konvenzjoni tagħmel mil-liġijiet ta' Malta safejn id-dispożizzjonijiet tagħha kienu inkorporati fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu ma kienx hekk inkorporat. Fit-tieni lok, huwa maqbul li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jgħoddu għall-Qorti ta' Strasbourg u mhux għall-qrati domestiċi tal-Pajjiżi Membri tal-Kunsill tal-Ewropa* [Ara Kost. 30.9.2016 fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Stella Azzopardi Vella et vs Avukat Ġenerali et***];

70. Għaldaqstant jirriżulta illi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jsibx applikazzjoni għall-każ odjern. Madanakollu, iżda, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda dritt għal kumpens fit-termini tal-liġi domestika. Tkompli din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza appena ċitata:

*Illi b'daqshekk ma jfissirx li t-talbiet tar-rikorrent dwar l-għoti ta' rimedju mhumiex sejrin jintlaqgħu. Jekk ma jistgħux jintlaqgħu talbiet għal-likwidazzjoni ta' kumpens u danni bis-saħħa tal-imsemmi artikolu 41 tal-Konvenzjoni, jista' u sejjer jingħata rimedju taħt il-kriterji tal-għoti ta' rimedju bħal dan minn din il-Qorti fis-setgħat u kompetenza attwali tagħha* [Kost 17.12.2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et***]. [...]

71. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra għalhekk xorta waħda tikkunsidra l-għotja ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju għal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, u dan bħala r-rimedju illi din il-Qorti tqis xieraq għall-istess;

72. Ir-rikorrent qiegħed isostni illi r-rifjut tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb illi jippubblika reċensjoni tal-ktieb tiegħu wassal għal tnaqqis fil-bejgħ u nuqqas ta' qligħ potenzjali, kif ukoll telf ta' opportunitajiet ta' xogħol jew

bejgħ u ħsara għar-reputazzjoni professjonali u personali tiegħu, b'dana għalhekk illi għandu jingħata bħala rimedju kemm kumpens pekunjarju kif ukoll kumpens non-pekunjarju;

73. Din il-Qorti rat illi kien ir-rikorrent stess illi sostna illi, *"A Rent Seeker's Paradies kien wieħed minn dawk l-eċċezzjonijiet ta' kotba illi għamel suċċess fenomenali fis-suq tagħna, fil-fatt biegħejt kważi mal-ħamest elef kopja, u din hija xi ħaġa rari ħafna fl-industrija tal-kotba, li ktieb ibigħ mal-ħamest elef kopja. L-unika kittieb illi kapaċi jbigħ dak l-ammont ta' kotba sa issa huwa Trevor Zahra, u ġeneralment ma humiex kotba tal-adulti, jiġifieri l-kotba tal-adulti ma jbiegħux dak l-ammont. Jiġifieri f'dak il-każ il-ktieb tiegħi, lanqas umbagħad, eventwalment lanqas kelli għalfejn nippromwovieh, u nkellem lill-ġurnalisti biex jirriċensawh, għax tant kien popolari li eventwalment il-ġurnalisti stess riedu jirriċensawh."*[42] Huwa evidenti għalhekk illi n-nuqqas tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb illi jippubblika r-reċensjoni ma kellha l-ebda effett negattiv fuq il-bejgħ tal-ktieb tar-rikorrent, stante illi biha u mingħajrha, il-ktieb għamel suċċess xorta waħda;

74. Inoltre, il-Qorti rat ukoll illi <u>ma nġabet l-ebda prova</u> illi setgħet tissostanzja l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-aġir tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ikkawżalu xi forma ta' dannu;

75. Il-Qorti hija konvinta illi dikjarazzjoni tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hija suffiċjenti fil-każ odjern, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra r-relazzjoni xejn amikevoli (jekk mhux non-eżistenti) illi għandu r-rikorrent mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u l-impressjoni li ħadet il-Qorti illi l-kawża odjerna ġiet intavolata *per principio* u sabiex jasserixxi d-drittijiet tiegħu r-rikorrent fil-konfront tal-Kunsill, aktar milli sabiex jingħata rimedju tanġibbli. Madanakollu, sabiex taċċerta ruħha illi r-rikorrent ikun ukoll kompensat b'mod aktar tanġibbli, din il-Qorti sejra takkorda *arbitrio bono viri* rimedju non-pekunjarju fis-somma ta' **ħames mitt Ewro (€500)**.

[42] A fol 91 tal-proċess

**Decide**

76. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** sollevata mill-Avukat tal-Istat, u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għall-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea;

iii. **Tilqa' *in parte* l-ewwel talba rikorrenti**, u tiddikjara u tiddeċiedi illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew leżi meta sofra diskriminazzjoni minħabba opinjoni politika li kiteb ir-rikorrent u peress li l-konvenut Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma mexiex mad-dettami tal-Artikolu 4(1) tal-Liġi Sussidjarja 605.12 meta rrifjuta illi jippubblika reċensjoni dwar il-ktieb tiegħu *A Rent Seeker's Paradise*. Tali diskriminazzjoni seħħet a bażi tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

iv. **Tiċħad it-tieni talba rikorrenti**;

v. **Tilqa' t-tielet talba rikorrenti** u tiddikjara u tiddeċiedi li l-Kunsill Nazzojnali tal-Ktieb huwa responsabbli għall-kumpens non-pekunjarju a bażi ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

vi. **Tilqa' *in parte* r-raba' talba rikorrenti** u tillikwida *arbitrio bono viri* l-istess kumpens non-pekunjarju kif soffert mir-rikorrent fis-somma ta' **ħames mitt Ewro (€500).** Dan iżda, bħala rimedju għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali sofferti mir-rikorrent, u mhux ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

vii. **Tilqa' *in parte* l-ħames talba rikorrenti**, u tikkundanna lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sabiex iħallas l-istess kumpens kif likwidat bħala

rimedju għal-leżjoni tad-drittijiet fundamnetali sofferti mir-rikorrent, u mhux ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

viii. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

Peress illi t-talbiet tar-rikorrent mhux qed jintlaqgħu *in toto*, din il-Qorti tqis illi jkun ġust illi l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat u terz (1/3) tal-ispejjeż ġudizzjarji l-oħra jkunu a karigu tar-rikorrent, filwaqt illi r-rimanenti żewġ terzi (2/3) tal-ispejjeż ġudizzjarji jkunu a karigu tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**